UK Government

# Is-sistema tar-Renju Unit ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti:

# Informazzjoni għal viżitaturi mill-UE



# Is-sistema tar-Renju Unit ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti (points-based immigration system): Informazzjoni għal viżitaturi mill-UE

Innota li "ċittadini tal-UE" msemmija f'din il-gwida għandha tinftiehem li tinkludi ċittadini tal-UE, taż-ŻEE u tal-Iżvizzera. Dawk li jkunu residenti fir-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020 għandhom japplikaw għall-**EU Settlement Scheme** u għandhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex japplikaw.

Ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea fil-31 ta' Jannar 2020. Il-moviment liberu bejn ir-Renju Unit u l-Unjoni Ewropea ntemm fil-31 ta' Diċembru 2020 u fl-1 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit implimenta sistema ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti li tagħti prijorità lill-ħiliet u t-talent aktar milli minn fejn ġejja l-persuna.

Ir-Renju Unit jilqa' miljuni ta' viżitaturi kull sena minn madwar id-dinja kollha. Taħt is-sistema l-ġdida, int, bħala ċittadin tal-UE, tista' tkompli żżur ir-Renju Unit mingħajr ma tapplika għal viża u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, tista' toqgħod hawn sa massimu ta' sitt xhur. Tista' tieħu sehem f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet, inkluż għal turiżmu, biex iżżur lill-familja u l-ħbieb, għal studju fuq terminu qasir u attivitajiet relatati man-negozju, bħal avvenimenti u konferenzi. Tista' tidħol bosta drabi fir-Renju Unit matul dak il-perjodu, iżda ma tistax tgħix fir-Renju Unit permezz ta' żjarat frekwenti jew suċċessivi.

L-istatus taċ-ċittadini Irlandiżi jibqa' jkun protett bħala parti mill-**arranġamenti taż-Żona Komuni għall-Ivvjaġġar**. Għaldaqstant, ċittadini Irlandiżi ma jeħtiġux permess biex jiġu fir-Renju Unit (għajr f'numru ta' ċirkostanzi limitat ħafna), u b'riżultat ta' dan mhumiex eliġibbli biex japplikaw taħt is-sistema l-ġdida ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti.

Bħala ċittadin tal-UE li mhux Irlandiż, jekk tidħol fir-Renju Unit mill-Irlanda, hemm restrizzjonijiet tal-immigrazzjoni differenti biex iżżur ir-Renju Unit. Tista' żżur ir-Renju Unit sa massimu ta' sitt xhur biss fl-ewwel żjara tiegħek. Jekk tmur lura l-Irlanda u minn hemm tixtieq terġa' żżur ir-Renju Unit, tkun tista' toqgħod fir-Renju Unit sa massimu ta' xahrejn. Madankollu, jekk titlaq miż-**Żona Komuni għall-Ivvjaġġar**, xorta tkun tista' żżur ir-Renju Unit għal massimu ta' sitt xhur fiż-żjara li jmiss tiegħek, inkluż jekk tgħaddi mill-Irlanda.



## Sabiex iżżur ir-Renju Unit

Tista' tkompli żżur ir-Renju Unit għal massimu ta' 6 xhur mingħajr ma tapplika għal viża u tista' tieħu sehem f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet:

- tiġi fuq btala jew iżżur lill-familja u l-ħbieb sa massimu ta' sitt xhur
- tagħmel kors ta' studju qasir
- twettaq attivitajiet relatati man-negozju, bħal tattendi laqgħat, avvenimenti u konferenzi
- tiġi fir-Renju Unit biex tinnegozja u tiffirma kuntratti tan-negozju
- tieħu sehem f'avvenimenti sportivi jew kulturali
- jekk int persuna akkademika ewlenija, tista' tippreżenta r-riċerka l-aktar riċenti tiegħek; jew jekk int xjentist, tista' taqsam l-għarfien tiegħek ma' kollegi fuq proġetti internazzjonali
- jekk int impjegat barra mill-pajjiż, tista' tiġi u tappoġġja kumpaniji li xtraw oġġetti mill-kumpanija tiegħek jew tikkollabora ma' negozju fir-Renju Unit li qed iforni lill-impjegatur tiegħek barra mill-pajjiż
- tieħu sehem f'xi attivitajiet permessi bi ħlas, bħal parteċipazzjoni f'avvenimenti kulturali.

**Il-lista sħiħa tal-attivitajiet permessi għall-viżitaturi kollha hija disponibbli fuq GOV.UK.**

Ma tistax:

- taħdem
- tgħix fir-Renju Unit għal perjodi ta' żmien twal permezz ta' żjarat frekwenti
- tikseb **fondi pubbliċi**.

Tkun teħtieġ tapplika għal **viża** jekk tixtieq taħdem fir-Renju Unit jew tistudja fir-Renju Unit għal aktar minn sitt xhur.

Jekk ġejt mistieden fir-Renju Unit bħala espert fil-professjoni tiegħek u se titħallas fir-Renju Unit, għandu mnejn li tkun tista' tiġi fir-Renju Unit bħala viżitatur b'Ingaġġ Imħallas Permess (Permitted Paid Engagement visitor). Uża l-**għodda biex tiċċekkja jekk teħtieġx viża' ('check if need a visa tool')'** għal aktar informazzjoni.

Jekk se tiġi billi tgħaddi mill-Irlanda mill-1 ta' Jannar 2021 bħala viżitatur b'Ingaġġ Imħallas Permess, tista' tiġi sa massimu ta' xahar għall-ewwel żjara tiegħek, iżda biss sebat ijiem għal kwalunkwe żjara ulterjuri jekk sadanittant ma tkunx tlaqt miż-Żona Komuni għall-Ivvjaġġar.

Jekk se żżur ir-Renju Unit biex tiżżewweġ jew tifforma sħubija ċivili, jew biex toħroġ avviż dwar dan, wara l-1 ta' Lulju 2021 tkun teħtieġ tapplika għal **Viża għal Żwieġ/Sħubija Ċivili (Marriage/Civil Partnership Visa)**.

Jekk tixtieq iżżur għal aktar minn sitt xhur għal trattament mediku privat jew bħala viżitatur akkademiku, tkun teħtieġ tapplika għal **Viża għal Viżitatur Standard (Standard Visitor Visa)**.

Jekk se żżur ir-Renju Unit għal skopijiet kummerċjali, tista' taqra aktar dwar l-**importazzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti lejn ir-Renju Unit**.

## Studju fuq terminu qasir

Bħala ċittadin tal-UE, tista' tieħu sehem fi studju għal terminu qasir. Kull studju mhux rikreattiv irid jitwettaq f'istituzzjoni akkreditata. Korsijiet rikreattivi li jitwettqu għal passatemp, li ma jkunux itwal minn 30 jum u li ma jwasslu għal ebda kwalifika formali, mhux meħtieġ li jitwettqu f'istituzzjoni akkreditata.

**Ir-rotta għal Studju fuq terminu (Short-term study route)** qasir minn sitta sa ħdax-il xahar hija distinta mir-rotta ewlenija għall-istudenti u teħtieġ li l-applikanti tan-nazzjonalitajiet kollha jiksbu viża qabel ma jivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit. Din ir-rotta hija speċifikament għal persuni li se jagħmlu korsijiet fil-lingwa Ingliża, u ma teħtieġx sponsorship u ma tippermettix xogħol.

**Jekk qed taħseb biex tistudja fir-Renju Unit għal aktar minn sitt xhur, tista' ssib aktar informazzjoni dwar ir-Rotta għall-Istudenti (Student Route) fuq GOV.UK.**

## Sabiex tivvjaġġa lejn ir-Renju Unit

Mill-1 ta' Ottubru 2021, ma tkunx tista' tuża l-karta tal-identità nazzjonali tiegħek tal-UE, taż-ŻEE jew tal-Iżvizzera biex tidħol fir-Renju Unit. Tkun teħtieġ tivvjaġġa b'passaport validu.

Tista' tkompli tuża l-karta tal-identità nazzjonali tiegħek biex tidħol fir-Renju Unit sa mill-inqas il-31 ta' Diċembru 2025 jekk int:

- għandek status ta' stabbilit jew status li jippreċedi l-istatus ta' stabbilit taħt l-EU Settlement Scheme
- għandek permess ta' ħaddiem tal-fruntiera (frontier worker permit)
- Viżitatur tal-Kura tas-Saħħa S2 (S2 Healthcare Visitor)
- Fornitur ta' Servizz Żvizzeru (Swiss Service Provider)

**Tista' ssib aktar informazzjoni dwar l-ivvjaġġar lejn ir-Renju Unit fuq GOV.UK.**

## EU Settlement Scheme

Jekk kont residenti fir-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020, int u l-familja tiegħek għandkom **tapplikaw għall-EU Settlement Scheme** biex tkomplu tgħixu fir-Renju Unit wara t-30 ta' Ġunju 2021. Id-data ta' skadenza biex tapplika hija t-30 ta' Ġunju 2021.

**Tista' ssib aktar informazzjoni dwar is-sistema ta' immigrazzjoni bbażata fuq il-punti fuq GOV.UK.**